13 ta' Jannar, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Nobbli Joseph Sant Manduca *versus* Avukat Dr. Victor Frendo et. ne.

**Lokazzjoni — Raba' — Kompetenza — Board tal-Qbejjel — Regolamenti dwar it-Trażżin tal-Qbejjel.**

*L-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar it-Trażżin tal-Qbejjel hija ntiża u limitata għal dawk il-każi li l-kirja tkun waslet fit-tmiem, u mhux ukoll għal dawk il-każi meta l-lokatur jiġi 'l-quddiem b'azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni li tkun għadha miexja. F'dan l-aħħar imsemmi każ l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni taqa' fil-kompetenza tat-tribunal ordinarju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-imsemmi Salvatore Sammut huwa l-gabillott tar-raba' b'razzett miegħu denominat "tas-Sienja" sive "ta' Lanzi", il-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar; u illi dan il-lum jinsab imsiefer, u min baqa' floku mhux qiegħed jikkoltiva r-raba' u s-siġar ta' ġo fihom bid-diliġenza ta' "bonus pater familias", b'mod li qiegħed jikkaġunalu danni (dok. A) li għalihom ma huwiex kawtelat, u barra minn dan, fl-assenza

tiegħu l-imsemmi Sammut materjalment abbanduna l-koltivazzjoni ta' l-istess għalqa, u għalhekk inkorra fis-sanzjonijiet ta' l-art. 1644 tal-Kodiċi Ċivili; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) tiġi dikjarata maħlula u riżoluta l-lokazzjoni ta' l-imsemmija għalqa bir-razzett, u (2) il-konvenuti nomine jkunu kundannati jiżgumbraw minnhom fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn dina l-Qorti, u (3) ikunu kundannati jirriżarċixxu u jħallsuh somma ta' flus bħala danni li għandhom jiġu likwidati per mezz ta' perit li jiġi nominat minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut kuratur;

Illi l-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar it-Trażżin tal-Qbejjel hi intiża u limitata għal dawk il-każi meta l-kirja tkun waslet fit-tmiem, u mhux ukoll għal dawk il-każi meta l-kerrej jiġi 'l-quddiem b'azzjoni għar-riżoluzzjoni ta' lokazzjoni li tkun għadha miexja. F'dan il-każ il-proċedura stabbilita minn dawk ir-Regolamenti mhix applikabili, u l-azzjoni taqa' fil-kompetenza tat-tribunali ordinarji (Vol. XXXIII—I—68);

Illi, in bażi għal dan il-prinċipju, l-eċċezzjoni tal-konvenut kuratur ma tistax tiġi milqugħa. U tabilħaqq, huwa stess esponal, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tiegħu, illi l-lokazzjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni għadha miexja; u effettivament mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta illi l-istess lokazzjoni għad baqgħalha biex tispiċċa sal-15 ta' Awissu 1953;

Illi konsegwentement l-azzjoni intentata mill-attur taqa' fil-kompetenza ta' dina l-Qorti, u mhux ta' l-Agricultural Board;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi din il-Qorti hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża, u hekk tirrespinġi l-eċċezzjoni fuq imsemmija, mogħtija mill-konvenut kuratur;

bl-ispejjeż kontra tiegħu. U tiddifferrixxi l-kawża għat-trattazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra ta' l-istess konvenut għas-seduta tat-2 ta' Frar 1958.

---